MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-19 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 1311/2002

Agius Marble Works Limited (C.12292)
vs
Joseph u Doris konjugi Portelli, Dr Ivan u Mariella konjugi Vella u b'digriet tat-28 ta' Novembru 2002 l-isem Mariella gie sostitwit bl-isem Vincenza, Sun City Leisure Limited (C.17936), Bolin Construction Limited (C.8698)

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:
Premess illi l-konvenuti in solidum bejniethom huma debituri tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' sbatax-il elf mitejn u hamsa u sittin Liri Maltin u tmintax-il centezmu (Lm17,265.18) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ghall-kuntratt ta' provizjon, tqeghid u polish ta' granit u rham gewwa l-kumpless maghruf bhala Sun City Palace gewwa Marsascala hekk kif jirrizulta mill-kuntratt anness mac-citazzjoni u mmarkat Dok AMW1 li gie ffirmat bejn il-partijiet.

U premess illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u skadut skond il-Ligi u huwa dovut fl-intier tieghu mill-konvenuti lis-socjeta` attrici.

U premess illi l-konvenuti ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-dejn baqghu inadempjenti.

U premess illi s-socjeta` attrici taf li l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet validi x'jaghtu kontra din it-talba.

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

1. Tordna d-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' sbatax-il elf mitejn u hamsa u sittin Liri Maltin u tmintax-il centezmu (Lm17,265.18) fuq imsemmija.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandati kawtelatorji ta' Sekwestru u ta' Qbid li gew ipprezentati kontestwalment mac-citazzjoni u bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli mill-1 ta' Jannar 1997 sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidrat illi gie prezentat affidavit ta' Nazzareno Agius fejn semma li ghandu r-rapprezentanza guridika tas-socjeta` attrici Agius Marble Works Limited u dawn il-fatti jafhom personalment.

Illi l-konvenuti in solidum bejniethom ghad fadallhom jaghtu lis-socjeta` attrici l-ammont ta' sbatax-il elf mitejn u

hamsa u sittin Liri Maltin u tmintax-il centezmu (Lm17,265.18) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ghall-kuntratt ta’ fornitura, tqeghid u polish ta’ granit u rham gewwa l-kumpless maghruf bhala Sun City Palace gewwa Marsascala hekk kif jirrizulta mill-kuntratt anness mac-citazzjoni u mmarkat Dok AMW1 li gie ffirmat bejn il-partijiet.

Illi skond l-istess kuntratt originarjament l-ammont dovut kien ta’ Lm24,265.18. Minn dan l-ammont il-konvenuti hallsu biss tlitt pagamenti: tnejn ta’ Lm3000 il-wiehed u wiehed ta’ Lm1000. B’kollox hallsu Lm7000. L-ammont li qed jintalab illum huwa l-bilanc li ghadu dovut u li suppost thallas.

Zied illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u skadut skond il-Ligi u huwa dovut fl-intier tieghu mill-konvenuti lis-socjeta` attrici. Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-dejn baqghu inadempjenti. Illi l-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijiet validi x’jaghtu kontra din it-talba.

**KONKLUZJONIJIET:**
Rat li l-konvenuti debitament notifikati fiz-zmien preskritt mil-ligi.

Dehru l-konvenut Joseph Portelli assistit minn Dr. Paul Lia li talab li jinghata l-fakolta` li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet;

F’ dak l-istadju Joseph Portelli ddikjara li qed jintrabat, inkluz ghan-nom tal-konvenuti l-ohra, li jhallas Lm2000 fl-ahhar ta’ Frar 2003, Lm2000 fl-ahhar ta’ Marzu 2003 u Lm3000 fl-ahhar ta’ April 2003 u jibqa’ sejjer ihallas bl-ammont ta’ Lm3000 fix-xahar sakemm jithallas l-ammont kollu. Nazzareno Agius l-attur ghan-nom tas-socjeta` attrici, fil-prezenza ta’ Dr. Bartolo qabel li tinghata sentenza f’ dan is-sens, kif ukoll Dr. Lia, u in vista ta’ dan il-verbal Joseph Portelli ghalih u ghall-konvenuti l-ohra ammetta t-talba ghall-ammont bil-modalitajiet kif indikati fil-verbal u spejjez kif imsemmi fl-ahhar parti tac-citazzjoni.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni u kif specifikat fil-verbal tidher gustifikata, tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta fic-citazzjoni u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' LM17265.18 dovuti kif inghad billi jsiru l-hlasijiet ta' Lm2000 fl-ahhar ta' Frar 2003, Lm2000 fl-ahhar ta' Marzu 2003 u Lm3000 fl-ahhar ta' April 2003 u jibqa' sejjer ihallas bl-ammont ta' Lm3000 fix-xahar sakemm jithallas l-ammont kollu, u bl-imghax legali fuq is-somma kapitali mill-1 ta' Jannar, 1997 sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji ta' Sekwestru u ta' Qbid kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------